# Il-Ħadd 04.03.2018

1. Illum 04/03, **it-Tielet Ħadd tar-Randan**.

2. It-Tnejn 05/03 u l-Erbgħa 07/03:
   - Mis-7:00pm sas-7:30pm: L-ewwel u t-tieni laqgħa tal-Eżerċizzi għal Kulħadd fil-knisja parrokkjali mmexxija minn Dun Ronnie Zammit, Viċi-Rettur tas-Seminarju tal-Arċisqof.

3. Il-Ħamis 08/03:
   - Mit-8:30pm sal-10:30pm: *'Legendary'*: It-tieni u l-aħħar parti tal-film u diskussjoni li għalih huma mistednin b'mod speċjali ż-Żgħażagħ. Niltaqgħu ċ-Ċentru Parrokkjali.

4. Mill-Ġimgħa 09/03 għas-Sibt 10/03:
   - Fuq xewqa tal-Papa Franġisku għal kull djoċesi:- ***'24 siegħa għall-Mulej'***. Għalhekk mis-7:00pm tal-Ġimgħa sas-7:00pm tal-għada s-Sibt, il-Katidral Metropolitan ta' San Pawl fl-Imdina se jkun miftuħ għal 24 siegħa sħaħ biex joffri l-possibiltà tas-Sagrament tal-Qrar, f'atmosfera ta' talb u Adorazzjoni.

5. Is-Sibt 10/03:
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-knisja arċipretali taż-Żejtun.

6. Il-Ħadd 11/03, **ir-Raba' Ħadd tar-Randan**:
   - Dun Karm Zammit, saċerdot mill-parroċċa tagħna li qiegħed id-Dar tal-Kleru f'Birkirkara, jiċċelebra il-51 sena minn mindu sar saċerdot (11/03/1967). Nifirħulu u nawgurawlu, u nitolbu għalih.
   - Fit-8:15am - Quddiesa li għaliha ser jattendu l-membri tal-Leġjun ta' Marija li jiltaqgħu fil-parroċċa tagħn. Wara, sa' xi 1:00pm, huma ser iżuru xi djar biex jistednukom tissieħbu magħhom f'dan l-appostolat.
   - Fuq iz-zuntier tal-knisja ser tkun qed tittella' kampanja ta' karità permezz ta' bejgħ ta' Kejkijiet b'risq Puttinu Cares.

7. Il-Ħamis 15/03:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa. Tluq fid-8:45am u nkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers, aktar 'il quddiem matul din il-ġimgħa.

8. Avviżi oħra:
   - Matul din il-ġimgħa s-soċji u l-katekisti tal-Museum Bniet ser ikunu qed jattendu l-Eżerċizzi spiritwali għalihom u għaldaqstant mhux ser ikun hemm lezzjonijiet tal-katekiżmu għall-bniet matul din il-ġimgħa.
   - Infakkar li bħala Parroċċa qed norganizzaw Pellegrinaġġ għal Lourdes fi Franza bejn it-Tnejn 09/07 u l-Ġimgħa 13/07. Min hu interessat jieħu sehem, jista' jikseb aktar informazzjoni mill-Uffiċċju Parrokkjali.

9. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 5 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr. Grazzi mill-qalb.